TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 198/21/F

**Daniel Custò**

**vs**

**KSL Ltd - Globaltech**

Illum, 17 ta' Jannar 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar is-16 ta' Novembru 2021;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar is-16 ta' Diċembru 2021;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent u d-dokumentazzjoni annessa;

Ra li t-Tribunal għadda biex jiddikjara l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2023'

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi l-kuntest ta' din it-Talba huwa li r-Rikorrent ordna sistema ta' pannelli mingħand l-azjenda intimata sabiex jiġu nstallati fir-residenza tiegħu fil-Fgura. Parti mill-ftehim bejn il-partijiet kien li l-azjenda intimata tieħu ħsieb tagħmel l-applikazzjoni għal *grant* mar-*Regulator for Energy and Water Services* (REWS).

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' **elfejn u tlett mitt Euro (€2,300)** komposta mis-segwenti:

- Is-somma ta' **€468** danni rappreżentanti **telf ta' introjtu** mill-ġenerazzjoni tal-elettriku minħabba li s-sistema fotovoltajika li ordna mingħand l-azjenda intimata ġiet installata f'Jannar 2021 minflok f'Lulju 2020 kif kien miftiehem;

- Is-somma ta' **€400** li ngabret bħala ***processing fee*** biex issir l-applikazzjoni mar-REWS għandha tiġi rifuża kompletament;
- Is-somma ta' **€932** bħala **rifużjoni *in parte* tal-prezz** globali ta' €7,300 imħallas għall-pannelli in vista ta' dak li huwa jsejjaħ "servizz defiċenti u inaċċettabbli" minn naħa tal-azjenda intimata;
- Is-somma ta' **€500** bħala "**danni morali** fl-ammont massimu li tippermetti l-liġi".

Illi l-ilment tar-Rikorrent huwa essenzjament dwar dewmien eżaġerat minn naħa tal-azjenda intimata sabiex tissottometti l-applikazzjoni għall-grant għal pannelli fotovoltajiċi mar-REWS kif ukoll dwar nuqqas ta' professjonalità fil-prestazzjoni tas-servizz minn naħa tal-istess azjenda intimata.

Ir-Rikorrent jikkontendi li minkejja li fis-27 ta' Mejju 2020 Kevin Spiteri f'isem l-azjenda intimata kien ikkonfermali li l-applikazzjoni għas-sussidju mar-REWS kienet ġiet sottomessa, kien ċar li dan ma kienx veru u minn kif żvolġew l-affarijiet, l-applikazzjoni effettivament ma ġietx sottomessa qabel Ottubru 2020 tant li l-approvazzjoni imbagħad ħarġet fl-10 ta' Diċembru 2020 – aktar minn seba xhur wara li suppost kellha tiġi sottomessa.

Jispjega li s-sistema fotovoltajika ġiet eventwalment installata fit-28 ta' Jannar 2021 madankollu, kellu jgħaddi żmien sat-18 ta' Frar 2021 sa ma s-sistema ġiet spezzjonata sabiex issir iċ-ċertifikazzjoni għall-fini tar-REWS u sabiex jinkiseb il-*meter* appożitu sabiex issir *feed-in* tal-elettriku. Kien biss fit-8 ta' Marzu 2021 li ġie mgħoddi d-dokumentazzjoni kollha neċessarja sabiex ikun jista' japplika għall-*meter* u minħabba li l-*Part B* tal-applikazzjoni tar-REWS intbagħtet b'dettelji nieqsa, kien biss f'Awwissu 2021 li r-Rikorrent irċieva l-flus tal-*grant* mingħand ir-REWS.

Ir-Rikorrent jilmenta ukoll li waqt l-installazzjoni tal-istruttura tal-pannelli, waqa' għadd ta' ħadid u danneġġjalu l-art tal-bejt, madankollu, it-Tribunal jinnota li r-Rikorrent ma ġab l-ebda provi tal-ispiża inkorsa jew neċessarja sabiex tissewwa din il-ħsara. Ir-Rikorrent ma ressaq l-ebda ilment dwar l-operat tal-pannelli.

Illi fix-xhieda tiegħu, Neil Azzopardi, rappreżentant tal-azjenda intimata, spjega li l-proċess tal-applikazzjoni għall-grant mingħand ir-REWS isir mill-azjenda intimata minħabba li dan huwa proċess ikkumplikat u għal dan ix-xogħol tiġbor miżata amministrattiva ta' €400. Saħaq li l-korrispondenza kollha minn naħa tar-REWS issir mal-klijent u jekk il-klijent jonqos milli jgħaddi xi ittra lill-azjenda intimata, isegwi li l-proċess jeħel u ta' dak id-dewmien ma jkunux jaħtu huma. It-Tribunal jinnota madankollu li Azzopardi jonqos li jgħid b'mod speċifiku jekk f'dan il-każ ir-Rikorrent naqas milli jgħaddilhom xi korrispondenza importanti. Mill-bqija, ftit li xejn jagħti informazzjoni li hija relevanti għad-determinazzjoni ta' din il-vertenza.

Illi konsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal ma jarax bażi legali sabiex jordna rifużjoni ta' parti mill-prezz imħallas mir-rikorrent għas-sistema għax il-pannelli jidher li jaħdmu sewwa. Mill-banda l-oħra għandu raġun ir-Rikorrent jilmenta minn trattament xejn professjonali di parti tal-azjenda intimata, speċjalment fid-dewmien manifestament eżaġerat minn naħa tagħha biex tissottometti u ssegwi l-applikazzjoni mar-REWS li hija intrabtet u talbet il-flus biex tagħmel f'isem ir-Rikorrent. Minħabba dan, kien hemm ukoll dewmien eżaġerat sabiex tiġi installata s-sistema fotovoltajika, liema dewmien wassal għal telf ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sistema. Minkejja li l-entità ta' dan it-telf hija sa ċertu punt indeterminata minħabba bosta *variables*, it-Tribunal ser jeżerċita d-diskrezzjoni ekwitattiva tiegħu u jillikwida t-telf ta' introjtu minn ġenerazzjoni elettrika fuq medda ta' sitt xhur fis-somma ta' tlett mitt Euro (€300).

Illi intant, dan huwa każ tipiku fejn, kif sewwa jissottometti r-Rikorrent, isib l-applikazzjoni tiegħu l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkontempla l-impożizzjoni ta' danni morali meta jkun hemm inkonvenjenza sofferta mill-konsumatur bi ħtija tal-kummerċjant u sejjer jillikwida d-danni morali fis-somma massima ta' ħames mitt Euro (€500) partikolarment minħabba li mill-provi jirriżulta li kien hemm rappreżentazzjonijiet invertieri lir-Rikorrent minn naħa tal-azjenda intimata dwar meta kienet effettivament ġiet ippreżentata l-applikazzjoni lir-REWS.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jillikwida s-somma komplessiva ta' tmien mitt Euro (€800) bħala danni attwali u morali, liema somma għandha titħallas lir-Rikorrent mill-azjenda intimata immedjatament. L-imgħax jgħodd mid-data ta' din is-sentenza.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***